MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 345/2011

**Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur, Qrati u Tribunali Civili**

**Vs**

**Victor u Catherine konjugi Sciberras**

Permezz ta' din il-kawza l-attur qieghed jitlob li l-konvenuti jinstabu hatja ta' disprezz skond l-Artikolu 997 tal-Kap. 12 u jigu kkundannati ghall-prigunerija jew multa ta' mhux inqas minn €233 u mhux izjed minn €2,330. Inoltre talab ukoll li tigi mposta kull ordni ohra skond l-Artikolu 997(2) tal-Kap. 12.

Il-konvenuti wiegbu li huma wettqu l-ordni tal-qorti skond is-sentenza **Alfred Sciberras et vs Victor Sciberras et** (1749/2000) tal-14 ta' Frar 2007, u ghalhekk it-talbiet ghandhom jigu michuda.

Fil-qosor jirrizulta li :-

1. B’sentenza li nghatat fil-kawza **Alfred Sciberras et vs Victor Sciberras et** (1749/2000) fl-14 ta’ Frar 2007, fost’affarijiet ohra l-qorti kien iddikjarat li ‘Fir-rigward tat-tank pero’ jirrizulta li dan gie jinvadi l-arja li l-atturi ghandhom dritt igawdu ghaliex jinsab bi dritt mat-twieqi u ghalhekk ghandu jitnehha u jitpogga f’post iehor fid-diskrezzjoni tal-perit li se jkun inkarigat jissorvelja x-xoghol…….’. Fil-parti dispozittiva tas-sentenza jinghad: *‘Ghaldaqstant il-qorti fil-waqt li tichad it-talbiet attrici (u ghalhekk tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti – salv dak li gej) tordna pero’ lill-konvenuti biex a spejjez taghhom (komprizi tal-perit) jibnu cint ta’ tliet filati fuq il-bejt tal-kmamar in kwistjoni u* ***jnehhu t-tank minn fejn jinsab u jpogguh post iehor li jigi indikat mill-perit nominand (mhux fuq il-bejt in kwistjoni) fi zmien tliet xhur taht is-supervizjoni ta’ l-A.I.C. Mario Cassar*** *u f’kaz li dan ma jsirx l-atturi jkunu awtorizzati jaghmlu l-istess xogholijiet huma a spejjez tal-konvenuti. Il-konvenuti jkunu jistghu jitilghu fuq il-bejt biss ghal skop ta’ manutenzjoni u bi pre-avviz.’*.

2. Jirrizulta li wara s-sentenza Sciberras kienu poggew it-tank iehor fuq is-saqaf ta’ kamra li tmiss mal-kamra li fuq is-saqaf kien il-bejt u li l-qorti ordnat li ghandu jitnehha.

3. B’rikors prezentat fl-10 ta’ Novembru 2010 Alfred u Carmen konjugi Sciberras talbu li l-qorti tordna li jittiehdu proceduri ta’ disprezz konta l-konvenuti peress li l-ordni tal-qorti b’riferenza ghat-tank tal-ilma, kienet ghadha ma twettqitx.

Tqies li ma tistax tilqa’ t-talbiet tal-attur in kwantu :-

1. In-nuqqas tal-konvenuti li jwettqu ordni tal-qorti ma kienx jinnecessita li jittiehdu proceduri ta‘ disprezz, gialadarba fis-sentenza l-qorti kienet ordnat li x-xoghol isir fi zmien (3) xhur u ***‘….. f’kaz li dan ma jsirx l-atturi jkunu awtorizzati jaghmlu l-istess xogholijiet huma a spejjez tal-konvenuti’***. Mela l-qorti stess kienet

ipprovdiet b'rimedju ta' x'ghandu jsir jekk l-ordni taghha ma tigix imwettqa. Ghall-qorti m'huwiex bizzejjed li Alfred Sciberras xehed li ma ghamilx ix-xoghol hu ghaliex *'…… meta mort ghand diversi haddiema u raw is-sitwazzjoni mhux pacifika hadd ma ried jintriga bix-xoghol.'*. Fis-sentenza l-qorti offriet rimedju ghall-eventwalita li l-konvenuti jibqghu inadempjenti. Sahansitra permezz ta' rikors prezentat fid-19 ta' Awissu 2010 Alfred u Carmen konjugi Sciberras talbu li jigu awtorizzati jaghmlu x-xoghol taht id-direzzjoni tal-perit Mario Cassar skond il-pjanta li kien ghamel il-perit Godwin Aquilina. B'digriet li nghata fit-3 ta' Settembru 2010 il-qorti laqghet it-talba taghhom.

2. Fic-citazzjoni li kienu pprezentaw Alfred u Carmen konjugi Sciberras fl-24 ta' Awissu 2000, l-atturi kienu lmentaw dwar il-fatt li l-kmamar li hemm fil-bitha tal-fond ta' taht u t-tank tal-ilma, ma kienux qeghdin jippermettulhom jifthu twieqi ghal fuq il-bitha ta' Victor u Catherine konjugi Sciberras, skond kif kellhom dritt li jaghmlu in forza tal-kuntratt ta' akkwist tal-1 ta' Frar 1968 pubblikat min-nutar Dr John Tabone. F'dak il-kuntratt jinghad li *Alfred Sciberras ikollhu id-dritt li jiftah twieqi ghal fuq il-bitha tat-terran sottopost ghall-imsemmi mezzanin ta' proprjeta`tal-venditrici Antonia Grima fil-bini li huwa itella fuq l-arja tal-imsemmi mezzanin u fuq l-arja tat-terrazzin li hemm fl-imsemmi mezzanin*. It-tezi ta' Victor u Carmen Sciberras kienet li z-zewgt ikmamar ma kienux qeghdin jippermettulhom jezercitaw id-dritt kif moghti bil-kuntratt tal-1 ta' Frar 1968, cjoe ***"twieqi ghal fuq il-bitha tat-terran sottopost"***. Minkejja li l-qorti cahdet it-talbiet tal-atturi, xorta ordnat li jitnehha t-tank tal-ilma meta kkonkludiet li kien qieghed jinvadi l-arja ghaliex kien jinsab bi dritt mat-twieqi li hemm fil-fond ta' Victor u Carmen konjugi Sciberras.

Fir-realta l-konvenuti kienu ghamlu t-tank fil-post li kien gie ndikat lilhom mill-perit Mario Cassar. Permezz ta' rikors prezentat mill-perit tekniku fil-25 ta' April 2007, talab lill-

qorti taghti direzzjoni minhabba li fil-fehma tieghu ma kienx car jekk l-ordni tal-qorti kenitx ukoll tinkludi l-bejt tal-kamra biswit dik fejn originarjament kien it-tank tal-ilma. Sfortunatament jirrizulta li dan ir-rikors qatt ma gie degretat. Madankollu fil-11 ta' Gunju 2007 Alfred u Carmen Sciberras ipprezentaw rikors fejn talbu lill-qorti sabiex *"tordna lill-perit sabiex isib post alternattiv fil-bitha tal-konvenuti,* ***<u>mhux fuq is-saqaf tal-kmamar</u> li ghal fuqhom hemm l-aperturi tal-atturi*** *sabiex jitwahhal it-tank, u dan in ottemperanza mas-sentenza tal-Qorti......"*. B'digriet moghti fit-22 ta' Gunju 2007, il-qorti **cahdet it-talba** u ddikjarat li ***"thalli fid-diskrezzjoni tal-perit tekniku il-lok fejn ghandu jsir it-tank ta' l-ilma."***. Fil-fatt f'rapport li pprezenta fis-7 ta' Jannar 2009 il-perit tekniku ddikjara li t-tank tal-ilma jista' jitqieghed fuq il-bejt tal-kamra li hi iktar baxxa minn dik fejn it-tank kien originarjament. Xoghol li effettivament sar kif ikkonstata l-perit tekniku f'access li kien ghamel fit-22 ta' Marzu 2008 (ara risposti li pprezenta l-perit tekniku fit-18 ta' Awissu 2008). Fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2011 il-perit Cassar xehed: *'..... rrid nispjega li Victor Sciberras ghamel ix-xoghol apperfezzjoni kif niddiskriviha jien, ghaliex segwa dak kollu li ghidtlu jien."*. Minkejja dan kollu, fit-13 ta' Mejju 2008 Alfred u Carmen Sciberras ipprezentaw rikors fejn talbu li t-tank tal-ilma ma jitpoggiex fl-ebda parti tal-bjut tal-kmamar li hemm fil-bitha u li tifforma parti mid-dar tal-konvenuti. B'digriet tal-5 ta' Settembru 2008 il-qorti awtorizzat lill-atturi sabiex jipprezentaw rapport *ex parte* tal-perit Godwin Aquilina dwar kif kien qieghed jissugerixxi li jsir ix-xoghol. Permezz ta' rikors iehor prezentat fis-26 ta' Awissu 2009 l-atturi talbu lill-qorti sabiex tordna lill-perit Mario Cassar biex jaghti l-kummenti tieghu ghal dak li ppropona l-perit Godwin Aquilina dwar fejn kellu jitqieghed it-tank tal-ilma. Wara li l-perit Cassar ta l-kummenti tieghu fir-rapport li pprezenta fil-11 ta' Jannar 2010, u ppropona kif ghandu jsir ix-xoghol. Dan kellu jwassal biex it-tank tal-ilma jitqieghed fuq travi tal-hadid fuq l-arja tal-bitha tal-fond ta' Victor u Catherine Sciberras. Fit-22 ta' Frar 2010 il-qorti tat digriet fejn qalet ***"Tawtorizza lill-istess Perit biex jissorvelja x-xoghol necessarju kif indikat minnu stess."***. Din il-qorti, f'dan l-istat ta' konfuzjoni li gie generat principalment grazzi ghall-kwantita kbira ta' rikorsi

li pprezentaw il-partijiet wara s-sentenza, m'hijiex komda li tiddikjara li l-konvenuti huma hatja ta' disprezz. Fl-agir tal-konvenuti ma tara l-ebda sfida lejn l-awtorita tal-qorti. Il-qorti hi tal-fehma li m'ghandux ikun li parti twettaq dak li jigi ordnat lilha, imbaghad titqieghed f'posizzjoni li trid tibdel dak li wettqet skond l-ordni u jekk ma taghmilx hekk tinstab hatja ta' disprezz. Dan m'huwiex il-mod kif isiru l-affarijiet.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjez kontra tieghu. Ghalkemm ir-Registratur jista jargumenta li hu m'ghandux jaghmel tajjeb ghall-ispejjez in kwantu ghamel il-proceduri, skond kif ordnat lilu mill-qorti, l-Artikolu 1003A tal-Kap. 12 jipprovdi li ghal finijiet u effetti tal-ligi, f'dawn it-tip ta' proceduri r-Registratur hu meqjus bhala attur. Gialadarba l-ispejjez tal-kawza ghandu fil-principju jaghmel tajjeb ghalihom it-tellief (Artikolu 223 tal-Kap. 12), mela l-attur ghandu jhallas l-ispejjez.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------